**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2019**

**Rikors Numru: 156/2011 MLF**

**Schranz & Associates Limited**

**vs**

**Emanuel Delicata Wine Maker Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjeta attriċi fejn talbet li s-soċjeta konvenuta tħallasha l-ammont ta' erbat elef tliet mija u tlieta u għoxrin Euro (€ 4,323), rappreżentanti bilanċ dovut minn somma akbar prezz ta' materjal u mano d'opera għal xogħol ta' kostruzzjoni li sar mis-soċjeta rikorrenti fil-fond "The Winery on the Waterfront" Paola, fuq inkarigu tas-soċjeta intimata.

Bl- ispejjeż kontra s-soċjeta konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimati ma għandhom jagħtu xejn lill-atturi peress illi kull debitu li talvolta seta' kellu, ġie saldat għas-saldu ta' kull pretensjoni tal-atturi, b'korrispondenza li għaddiet bejniethom.

2. Illi l-uniku ammont illi l-intimat kellu jagħti lill-atturi kien is-somma ta' € 19,755.66c li tħallset mill-intimati b'ċekk mibgħut wara ċertifikazzjoni mill-Perit Aaron Abela, oltre illi b'ittra tas-16 ta' Ottubru 2009, l-Avukat Edward Debono għan-nom tas-soċjeta intimata, infurmat lilhom u l-konsulent legali tagħhom Dr Massimo Vella illi huma ħallsu għas-saldu.

3. Illi effettivament dan iċ-ċekk issarraf għas-saldu u għalhekk kull pretensjoni dedotta mill-atturi hija frivola u vessatorja u l-intimat għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat in-nota kongunta tal-partijiet li permezz taghha informaw lill-Qorti illi ma kienx fadlilhom aktar provi xi jressqu u li ghaldaqstant tista' tinghata sentenza fuq il-mertu kollu.[1]

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' attrici ghamlet xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond tas-socjeta' konvenuta. Matul dawn ix-xogholijiet kienu saru diversi pagamenti akkont da parti tas-socjeta' konvenuta, u meta x-xogholijiet kienu tlestew, skond is-socjeta' attrici kien ghad fadal bilanc x'jithallas għall-ammont ta' € 41,000.

[1] Ara fol. 75 tal-process

2. Wara laqghat li saru bejn il-partijiet, gie maqbul illi s-soċjeta attriċi ghandha taghti skont ta' €15,000, biex b'hekk kien jifdal bilanċ fis-somma ta' € 26,000.

3. B'ittra legali datata 6 ta' Ottubru 2009[2] mibghuta permezz ta' l-avukat taghha, s-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta ghal hlas ta' din is-somma. Is-socjeta' konventa irrispondiet ghal din l-ittra permezz ta' ittra legali ohra datata 16 ta' Ottubru 2009[3], u li permezz taghha nformat lis-socjeta' attrici li ma kienitx qeghda taqbel mal-ammont mitlub u li kien ser jintbaghat pagament ghas-saldu wara li l-kont jigi verifikat minn perit inkarigat mis-socjeta' konvenuta.

4. Anness ma' ittra datata 12 ta' Ottubru 2010, is-socjeta' konvenuta baghtet pagament b'ċekk numru BOV 17295 fis-somma ta' €19,755.66, u f'liema ittra is-soċjeta konvenuta informat lis-socjeta' attrici illi dan il-pagament kien qieghed jintbaghat bhala "*full and final settlement*".[4]

5. Permezz ta' *email* datata 25 ta' Ottubru 2010 Silvio Mercieca f'isem is-socjeta' attrici nforma lil Pierre Musu, *accountant* tas-socjeta' konvenuta, illi ghalkemm is-socjeta' attrici ma taqbilx illi l-pagament mibghut kien wiehed finali ghaliex kien jifdal bilanc x'jithallas fis-somma ta' €4,323, dak il-pagament kien qieghed jigi accettat.[5] Ic-*cheque* fis-somma ta' €19,755.66 gie msarraf l-ghada 26 ta' Ottubru 2010.[6]

6. Sussegwentement Silvio Mercieca baghat diversi emails ohra lil Pierre Musu li fihom intalab il-hlas pretiz mis-soċjeta' attrici, u fid-9 ta' Dicembru 2010 Pierre Musu wiegbu illi "*payment should be issued shortly*".[7]

---

[2] Ara fol. 30 tal-process
[3] Ara fol 12 tal-process
[4] Ara fol 17 tal-process
[5] Ara *email* a fol 39 u 40 tal-process
[6] Ara fol. 36 tal-process
[7] Ara fol 38 tal-process

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel u t-Tielet Eccezzjonijiet – Il-principju legali ta' pagament ghas-saldu*

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi kwalunkwe debitu li seta' kien hemm gie saldat meta s-socjeta attrici accettat pagament ghas-saldu mibghut lilha mis-socjeta' konvenuta.

Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi kreditur illi jkun accetta pagament bil-kundizzjoni espressa li dak il-pagament ikun qieghed isir ghas-saldu, ma jistghax unilateralment ibiddel il-modalita` ta' dak il-pagament. Fis-sentenza **William Apap vs Joseph Gasan et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Kummercjali) fis-26 ta' Novembru 1986, inghad illi:

"*…jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu.*" [8]

Fis-sentenza **St. George's Park Company Limited vs Eric Pace Bonello pro et noe** deciza fil-15 ta' Marzu 2002, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk:

*"Dan ghaliex in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u ndubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minfok u jaccettah b'kundizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu."*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' attrici ghamlet referenza ghal sentenzi li fihom il-Qrati fissru illi l-principju stabbilit fis-sentenza appena msemmija m'huwiex wiehed assolut, u jistghu jezistu cirkostanzi fejn tali principju ma jigix applikat b'mod daqstant inflessibbli. Fost dawn is-sentenzi hemm dik fl-ismijiet **Johann Schembri pro et noe vs**

[8] Vol. 70 (1986), Par 2, Sec. 2, pagna 390
[9] *Per* Imhallef Joseph A. Filletti

**Charlot Mifsud** deciza fid-19 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[10] fejn gie ritenut illi:

*"...ghalkemm in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta cheque lilu mibghut fit-termini "full and final settlement" u jghaddi biex isarrfu, jigi li accetta dak il-hlas f'dawk it-termini precizi, eppure jekk jigi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b'dik il-modalita`, l-accettazzjoni minnu ta' dak ic-cheque u ssussegwenti tisrif tieghu ma kellux, imbaghad jigi rinfaccjat lilu bhala xi abdikazzjoni tad-dritt tieghu ghal hlas tal-bilanc dovut.*"

Is-socjeta' attrici ghamlet refenza wkoll ghas-sentenza **Peter Attard vs Lawrence Fino et** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] fit-28 ta' Marzu 2008 fejn inghad illi:

"*Il-principju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fic-cirkostanzi kongruwi. Kif taraha din il-Qorti, f'kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, il-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista', ghal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu, tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fiha sar il-hlas tigi dezunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din, li kif enuncjat f'bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b' mod li mill-fatti ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja.*"

Dwar dan il-punt, fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Vella De Fremeaux et vs Eagle Star (Malta) Limited pro et** deciza fid-9 ta' Novembru 2012, il-Qorti tal-Appell ghamlitha cara illi:

*"32. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirriafferma l-principju enuncjat mill-Qorti tal-Appell [sede kummercjali], li l-kreditur m'ghandux dritt ibiddel unilateralment il-modalita` ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li, min jaccetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment jfissru li dak il-pagament kien qed jigi effettwat ghas-saldu, ibiddel il-modalita` ta' dak il-pagament.*

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*33. Ghalhekk fil-kaz prezenti, meta kienet ghaddejja bejn il-partijiet il-vertenza dwar il-quantum tal-maturity value tal-poloz, il-fatt li s-socjetajiet appellanti ghamlu offerta lill-atturi billi baghtu cheques bhala pagamenti "in full and final settlement", l-atturi kellhom ghazla: jew li jaccettaw dawk il-pagamenti bil-kundizzjoni marbuta maghhom, u b'hekk tigi rizolta l-vertenza, jew inkella jirrifjutaw il-pagamenti; izda zgur li legalment ma setghux, ibiddlu unilateralment il-modalita` tal-pagamenti offruti lilhom, u minn pagamenti ghas-saldu jiddikjaraw li qed jaccettawhom bhala pagamenti akkont tal-ammont pretiz minnhom. Huwa ghalhekk irrilevanti l-fatt li qabel ma l-atturi accettaw il-pagamenti mibghuta lilhom dawn ghamluha cara, kemm b'ittra mibghuta lis-socjetajiet konvenuta, kif ukoll bi protest gudizzjarju, li huma kienu ser jaccettawhom minghajr pregudizzju ghall-ammont bilancjali pretiz minnhom.*

*34. Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li "meta l-konvenuti ghazlu l-mod tal-pagament inkwistjoni, huma ghamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b'att unilaterali iehor jistghu jimponu rizerva u kundizzjonijiet marbuta mal-fatt li c-cheque gie minnhom imsarraf." Din il-Qorti tossera li dan l-argument huwa legalment insostenibbli, stante li, filwaqt li s-socjetajiet konvenuti, bhala debituri, kellhom dritt li jaghmlu l-offerta taghhom kif ghamluha, ma kienx konsentit ghall-atturi, bhala kredituri, li jaccettaw l-offerta b'kundizzjonijiet differenti minn dawk kontenuta fl-offerta. Huma kellhom jaghzlu, jew jaccettaw l-offerta maghmula jew jirrifjutawha.*

*35. Illi l-atturi jsemmu kazistika ricenti li fiha l-Qorti tal-Appell [Inferjuri], u l-Qorti tal-Appell [Superjuri] fissru li l-principju enuncjat fis-sentenza* **Apap v. Gasan**, *fuq citata, m'huwiex wiehed assolut u jistghu jezistu cirkostanzi fejn ikun gust li l-Qorti thoss li ghandha tiddipartixxi minnu. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li jistghu jezistu cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti gudikanti biex tiddipartixxi minn dan il-principju, imma dawn huma kazijiet eccezzjonali li l-fattispecie taghhom manifestament jirrendu dan il-principju inapplikabbli. Hekk, per ezempju fil-kawza* **Agius Marble Works Ltd v. AX Construction Limited** *kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, ghalkemm kien dikjarat li kien qed jigi effetwat "in full and final settlement" lampantament ma kienx ikopri x-xoghlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-socjeta` kreditrici, u ghalhekk kien jidher car li c-certificate of payment ma kienx jirreferi ghal dawn ix-xoghlijiet li ma kienux indikati fih.*

*36. Fil-kaz in dizamina dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali huma mankanti, u ghalhekk ghandu japplika l-principju fuq espost fir-rigur tieghu."*

Hekk ukoll fis-sentenza **Consolidated Biscuits Co. Ltd. vs Korporazzjoni Enemalta**, deciza fis-16 ta' Marzu 2018, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[12], wara li rriferiet ghas-sentenza **Peter Vella de Fremaux et vs Eagle Star (Malta) Limited pro et noe** fuq citata, iddecidiet li tiddipartixxi minn dan il-principju ghaliex *"Fil-kaz tal-lum, il-qorti ssib li l-kaz eccezzjonali kien li l-pagament intbaghat lil terza persuna. Ghalkemm dik it-terza persuna kienet awtorizzata tigbor hlasijiet dovuta lill-konvenuta, m'hemmx prova li kienet taf bil-kwistjoni li hemm bejn il-kontendenti."*

Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda dubbju li c-*cheque* li ntbaghat mis-socjeta' konvenuta issarraf mis-socjeta' attrici. Lanqas hemm dubbju li dan il-pagament kien qieghed jigi offrut ghas-saldu ghaliex fuq l-ittra li maghha ntbaghat l-istess pagament hemm indikat b'mod car li dan kien qieghed jintbaghat bhala "*full and final settlement*".[13]

Il-fatt li qabel ma ssarraf dan ic-*cheque*, is-socjeta' attrici ipprotestat mas-socjeta' konvenuta dwar l-ammont tal-pagament u talbitha thallas il-bilanc pretiz huwa irrilevanti. Jekk is-socjeta' attrici kellha pretensjonijiet ohra, f'dak l-istadju kellha l-ghazla illi tirrifjuta c-*cheque* mibghut mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici ma setghetx unilateralment tbiddel il-modalita` tal-pagament offrut lilha minn wiehed ghas-saldu ghal wiehed akkont. Bhala debitrici, is-socjeta' konvenuta kellha dritt illi taghmel offerta ta' pagament ghas-saldu. Mhux l-istess jista' jinghad ghas-socjeta' attrici, ghaliex bhala kreditrici hija ma setghetx taccetta l-pagament b'kundizzjoni differenti minn dik li tahtha dak il-pagament gie offrut. Is-socjeta' attrici kellha taghzel, jew li ma taccettax il-pagament jew inkella taccettah u b'hekk tigi rizolta l-vertenza.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi akkwiziti ma jirrizultawx xi cirkostanzi eccezzjonali li ghandhom iwassluha tiddipartixxi mill-principju illi l-accettazzjoni ta' pagament ghas-saldu testingwi kwalsiasi pretensjoni ohra tal-kreditur fil-konfront tad-debitur. F'dan il-kaz ma jirrizultax li sar xi zball da parti tas-socjeta' attrici meta accettat il-pagament, tant li qabel issarraf ic-*cheque* in kwistjoni baghtet tinforma lis-socjeta' konvenuta li kien ghad fadal

[12] *Per* Imhallef Anthony Ellul.
[13] Ara fol. 17 tal-process

x'jithallas il-bilanc pretiz permezz ta' din il-kawza, ghaliex ma qablitx mas-socjeta konvenuta li l-iskont ta' 5% kellu japplika fuq ix-xogholijiet kollha li saru.

F'dan ir-rigward huwa rilevanti dak li qal ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici Silvio Mercieca, waqt ix-xhieda tieghu moghtija in kontro-ezami u cioe' illi "*ma kellix risposta sakemm issarraf ic-cekk pero'*."[14] Dan ifisser illi d-decizjoni tas-socjeta' attrici li taccetta l-pagament u tiddepozitah fis-26 ta' Ottubru 2010 ma kienitx dipendenti jew ibbazata fuq informazzjoni li s-socjeta' konvenuta kienet ser thallas il-bilanc pretiz. Ghaldaqstant lanqas jista' jinghad illi s-socjeta' konvenuta ottjeniet xi dikjarazzjoni ta' hlas ghas-saldu b'qerq jew malizzja. Il-fatt illi sussegwentement fid-9 ta' Dicembru 2010 Pierre Musu f'isem is-socjeta' konvenuta baghat jinforma lill-istess Silvio Mercieca illi l-pagament kellu jsir fi zmien qasir, mhuwiex rilevanti f'dan il-kaz ghaliex f'dak il-punt il-pagament marbut bil-kundizzjoni li tali hlas kien qieghed isir ghas-saldu kien diga' gie accettat. Ma kienx konsentit lis-socjeta' attrici li tbiddel il-modalita' ta' dak il-pagament.

Fid-dawl tas-suespost, l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet se jigu milqugha u konsegwentement m'hemmx lok li din il-Qorti tezamina wkoll it-tieni eccezzjoni mressqa mis-socjeta' konvenuta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;
3. Konsegwentement, tiċħad it-talba tas-socjeta' attrici fit-totalita taghha.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[14] Ara x-xhieda ta' Silvio Mercieca in kontro-ezami a fol. 49 tal-process